# Rapport Amministrattiv

# **Jannar 2018 - Diċembru 2018**

## **Kunsill Lokali Kalkara**

### **L-istqarrija tal-missjoni tal-Kunsill Lokali Kalkara**

*Biex iħares l-interessi tar-Residenti kollha tal-Kunsill Lokali u fl-istess ħin jiżgura livell għoli ta' effiċjenza u serjetà fir-responsabbiltajiet kollha li għandu l-Kunsill Lokali. L-għanijiet huma: Li jippromwovi, javvanza, jservi u jagħti appoġġ fl-aspetti kollha lir-resident.*

## ***Il-Kunsill Lokali huwa kompost minn dawn il-membri:***

***Sindku*** – Is-Sinjura Speranza Chircop

***Viċi Sindku*** – Is-Sur Christopher Bruno

***Kunsilliera*** - Is-Sinjura Maria Sultana

***Kunsillier*** – Is-Sur Paul Bongailas

***Kunsillier*** – Is-Sur Vincent Bongailas

***Segretarju Eżekuttiv*** – Is-Sinjorina Elaine Caruana

Is-Sindku huwa r-rappreżentant tal-Kunsill għall-finijiet kollha taħt l-att tal-Kunsilli Lokali u għandu jippresjedi l-laqgħat kollha tal-Kunsill u jissorvelja l-funzjonijiet kollha tal-Kunsill. Is-Sindku jkun responsabbli sabiex jitwettqu l-għanijiet u d-dispożżijonijiet tal-istess Att u s-Sindki għandhom jikkoperaw bejniethom għall-ġid tal-lokalitajiet li huma jirraprezentaw.

Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Kunsill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv li jistgħu jħarrku u jkunu mħarrka f'isem il-Kunsill.

***Kull Kunsillier ġie assenjat f'qasam speċifiku li huwa għandu jsegwi u jirraporta dwaru fil-Kunsill Lokali. Kull Kunsillier jista' wkoll jifforma kumitat jew sotto kumitat li huwa għandu jippresjedi sabiex jaħdem f'dak il-qasam.***

Is-Sindku, is-Sinjura **Speranza Chircop** responsabbli mir-Relazzjonijiet Pubbliċi (pubblikazzjonijiet), Proġetti Infrastrutturali, Infrastruttura, (tiswija, tindif, bankini, żoni urbani, rurali u ġonna pubbliċi, bajjiet, dwal tat-toroq, Trasport, Ġemellaġġ, berġa (Kura primarja), Seminars u laqgħat, Kunċerti Mużikali, Implimentazzjoni tas-Sustainable Development Action Plan. Kuntatt ma' SmartCity u l-Pulizija.

Responsabbli mill-***Anzjani*** billi torganizza attivitajiet soċjali għall-anzjani u l-familja u torganizza laqgħat ta' interess ġenerali għall-anzjani. Torganizza l-attivitajiet soċjali għall-Anzjani fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara u fil-Karnival.

Responsabbli mill-***Persuni b'Diżabilita'***- tinżamm lista aġġornata ta' dawk il-persuni b'diżabilita' fil-lokal. Jinżamm kuntatt mal-għaqdiet li jgħinu l-persuni bi bżonnijiet speċjali fosthom Dar il-Wens, sabiex it-talbiet tagħhom jaslu għand il-Kunsill. Responsabbli minn korsijiet tad-Drama u Korsijiet tal-Artiġġjanat għall-Adulti kif ukoll dawk tas-sezzjonijiet tal-Aerobika u Zumba.

Il-Viċi Sindku is-Sur **Christopher Bruno** huwa responsabbli ***miż-Żgħażagħ***. Jorganizza diskussjonijiet edukattivi u soċjali għaż-Żgħażagħ, jorganizza attivitajiet għaż-Żgħażagħ, jipparteċipa f'attivitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għaż-Żgħażagħ. Jieħu ħsieb jorganizza programmi ta' skambji taż-Żgħażagħ. Jieħu ħsieb l-***Għaqdiet tal-Baned***. Huwa jrid jorganizza ***Attivitajiet Kulturali*** bil-parteċipazzjoni tar-residenti, jifforma kalendarju ta' attivitajiet kulturali għal matul is-sena u jippromwovi t-talent lokali.

Il-Kunsilliera s-Sinjura **Maria Sultana** hija responsabbli mill-***Edukazzjoni*** billi tirrapreżenta l-Kunsill Lokali bħala President tal-Kunsill Skolastiku u żżomm l-aħjar relazzjoni mal-Kap tal-iskola Primarja tal-Kalkara. Torganizza attivita' konġunta bis-sehem tat-tfal tal-iskola Primarja tal-Kalkara għal Jum il-Kalkara. Iżżomm kuntatt ma' kull skola fejn hemm tfal residenti fil-Kalkara. Torganizza attivita' fil-Karnival bis-sehem tat-tfal tal-iskola Primarja. Torganizza ħarġiet edukattivi u kulturali għat-tfal tal-iskola Primarja. Tagħmel arranġamenti sabiex it-tfal tal-iskola Primarja jiltaqgħu fl-laqgħa ta' diskussjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill mas-Sindku u l-Kunsill kollu. Torganizza flimkien mal-Kap tal-iskola dawk il-laqgħat neċessarji u li huma ta' nteress għal dawk it-tfal bil-bżonn t'għajnuna partikolari, minħabba problemi li jistgħu ifixklulhom il-ħajja edukattiva tagħhom. Torganizza ***Korsijiet*** fit-tagħlim tal-lingwa Maltija, Ingliza, lingwi oħrajn u ***First Aid*** għall-kulħadd. Torganizza korsijiet tad-drama għat-tfal tal-livell ta' skejjel primarji. Torganizza l-***blood mobile unit*** matul is-sena.

Il-Kunsillier s-Sur **Paul Bongailas** huwa responsabbli mill-***Korsijiet ta' l-Informatika u*** Internet ***Centre*** bil-għan li ssir riċerka dwar studju jew materjal ta' interess. Huwa responsabbli wkoll mill-***Librerija Pubblika*** għalhekk irid jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-librerija, jara li din tinfetaħ b'mod regolari u jieħu dawk l-inizjattivi neċessarji sabiex iżjed tfal u żgħażagħ jagħmlu użu mill-Librerija Pubblika. Jieħu ħsieb ***Inventarju tal-Patrimonju fil-Kalkara*** ,ħarsien għall-***Wirt Storiku*** fil-lokal kif ukoll huwa iċ-Chairperson għall-jum il-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur **Vincent Bongailas** huwa responsabbli mill-***Għaqdiet Sportivi***. Jitwaqqaf sotto kumitat li tiegħu l-Kunsillier ikun iċ-Chairperson u jkun iffurmat minn membru għal kull għaqda sportiva. Il-minuti tal-laqgħa jiġu mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv u jiġu ppreżentati fis-seduta tal-Kunsill għad-diskussjoni. Jorganizza attivitajiet sportivi bejn l-għaqdiet lokali u anke fuq livell nazzjonali. Jħejji pjan għall-attivita' sportiva f'ġurnata

iddedikata għal Jum il-Kalkara. Responsabbli ukoll tad-***Drittijiet tal-Annimali***.

## ***Daħla***

Permezz ta' dan ir-rapport amministrattiv il-Kunsill qiegħed jippreżenta rendikont tal-ħidma għas-sena 2018.

F'din is-sena, l-Kunsill kompla fuq dak li ġie miksub mill-Kunsill fis-snin preċedenti, filwaqt li kompla jagħmel ħiltu biex filwaqt li jsebbaħ il-lokal, jaqdi lir-residenti bl-aħjar mod possibli.

## ***Introduzzjoni mis-Sindku***

Iż-żmien iggerbeb u ma jistenna l-ħadd u l-Kunsill dejjem għaddej ta ħidma kontinwa biex ikun ta' servizz u ta' għajnuna għal problemi li jistgħu jinqalgħu fil-lokal minn żmien għal żmien.

Ħidma oħra dejjem f'moħħu għal għaqda fost ir-residenti, l-għaqdiet u l-Knisja.

Importanza kbira oħra li jagħti kas ħafna hija dwar l-affarijiet li l-komunita' ikollha bżonn matul is-sena kollha bħal is-saħħa li din is-sena l-ispejjeż kbar li żdiedu tal-Berġa fejn inservu b'xejn is-servizzi ta' tabib, nurse, podoloġista, inġezzjoni tal-influwenza, il-librerija etċ li din tintuża minn madwar 5,000 ruħ fis-sena, dan il-kunsill xorta waħda se jibqa' jagħmel dak kollu possibli biex is-servizz jibqa' jingħata b'xejn lil kulħadd. Importanzi oħrajn huma affarijiet soċjali, kultura, sport, edukazzjoni, żgħażagħ u anzjani.

L-indafa tat-toroq, is-servizz ta' ġbir tal-iskart u skart goff huma l-iktar nefqa li għandu l-kunsill.

Importanza oħra hija l-ambjent u t-tisbieħ tal-lokal, fjuri f'roundabouts u partijiet bil-ħamrija, tiżjin għal żmien il-festi għal atmosfera iżjed rilessanti u pjaċevoli. Grazzi tmur għal segretarju u klerikali, ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu ħafna f'kull qasam manutenzjoni u tiswijiet li tinħtieġ fil-lokal.

Ir-restrizzjonijiet fil-finanzi kultant iwaqqfu ħafna affarijiet li jkun irid jagħmel il-Kunsill għal futur u ġid lil-lokal bħal proġetti kbar bħal ċentru ċiviku, u l-ħolma tal-Kunsill biex il-lokal tagħna il-Kalkara bħal toroq, id-daħla tal-Kalkara inkluż il-mina, Ġnien is-Salvatur, ix-Xatt, ix-Xewkija, Bandli, mollijiet u t-trasport bil-baħar u tal-madwar, isir xogħol ta' tisbieħ.

Il-Kunsill kien minn tal-ewwel u dejjem talab lill-Gvern biex din il-ħolma titwettaq. Anke żmien ilu kien irrappreżenta abbozz ta' pjanti x'jixtieq isir. U issa bl-istrateġija tal-Kottonera u l-Kalkara dan il-proġett hekk kbir, grazzi dejjem tal-għajnuna finanzjarja tal-Gvern se jitwettaq.

Ħidma oħra li l-Kunsill qiegħed jagħmel ma' entitajiet tal-gvern hija fuq l-bajja tar-Rinella biex din il-bajja tikber iktar bir-ramel u anke ssir xi lqugh biex fix-xitwa r-ramel ma jinġarrx lura fil-baħar, f'din il-bajja li fis-sajf jiffrekwentawa ħafna nies minn kull parti ta' Malta.

Il-Kunsill qed jipprova li tiġi solvuta l-problema fuq it-tank cleaning farm, ir-riħa insapportabbli ta' gas li kultant ikun hemm mal-Kalkara kollha li r-residenti qed jilmentaw dwarha. L-istess dwar il-parking in-naħa ta' Bighi minħabba attivitajiet li jkun hemm minn naħa tal-Heritage u l-Esplora. Il-Kunsill kellu diskussjonijiet magħhom u anke wasal biex ippropona lit-Transport Malta biex isiru parking bays għar-residenti.

Hija ta' weġgħa, il-ħsara u telqa kbira, li l-kunsill dejjem jisħaq li l-isfreġju li qiegħed isir lill-Fort Ricasoli jistax jiġi irranġat minn Fondi Ewropej li hu post imprezzabli u ta' Storja kbira.

Ftakru li kull saram li jinqala' fil-lokal jeħel u jiġi għal wiċċ il-kunsill fejn dan jagħmel ħiltu kollha biex isolvi b'inqas inkonvenjenza għar-residenti, iżda dan ma jaqtax qalbu allavolja ikun jrid mingħand ħaddieħor. Għalhekk il-paċenzja u r-rispett ta' bejnietna huwa ħafna importanti u mhux ġust li xi

individwi jippuntaw subgħajhom u kultant kliem mhux xieraq lejn xi ħadd u jeħduwha qatta bla ħabel kontra l-kunsill.

Billi noqgħodu ngorru bejnietna ma jissolvux il-problemi. Ħadd m'għandu joqgħod lura biex l-ilmenti twassalom il-kunsill biex jagħmel dak kollu li hu possibli minn naħa tiegħu biex jissolvi. Grazzi dejjem għal koperazzjoni tagħkom ħalli bil-ħidma tal-kunsill, ir-raħal li aħna tant kburin bih jibqa' wieħed mill-isbaħ u nadif.

Grazzi

***<u>Indafa fil-Lokal</u>***

Il-Kunsill ħadem ħafna f'kull qasam, b'mod speċjali fiż-żamma ta' ndafa fil-lokal. Matul is-sena 2018 il-Kunsill qed ikompli jinvesti fis-servizz tal-knis li qiegħed jiswa lill-Kunsill ammont sostanzjali ta' fondi.

Kemm il-Kunsill kif ukoll ir-resident jinsab kuntent bl-istess servizz u dan jirriżulta minn tnaqqis ta' lmenti fost ir-residenti. Huma ftit li xejn fejn ir-residenti jċemplu l-Uffiċċju tal-Kunsill biex jilmentaw fuq dan is-servizz.

L-istess jista' jingħad għas-servizz tal-ġbir ta' skart. Il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jżomm dan is-servizz mit-Tnejn sas-Sibt sabiex ir-resident ikun aktar moqdi. L-istess jista' jingħad għall-ġbir ta' skart goff, li l-Kunsill qiegħed jagħti dan is-servizz lir-residenti darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill se jibqa' joffri dan is-servizz b'xejn lir-residenti kollha u jifhem li biex il-lokal jibqa' nadif u ordnat dawn l-ispejjez huma neċessarji.

Ta' min jinnota ukoll li speċjalment fix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill jagħmel użu minn 'Beach Cleaner' li jnaddaf il-bajja tant sabiħa ta' Rnella, minn varjeta' ta' materjal.
Il-'Beach Cleaner' inaddaf il-bajja kuljum kmieni filgħodu għal ġid kemm tar-residenti kif ukoll tan-nies li jiffrekwentaw din il-bajja.

***Infrastruttura***

Il-Kunsill jaħdem b'mod kontinwu fil-qasam tal-infrastruttura, jagħmel użu mill-ħaddiema tar-'Resource Support and Services Limited' kif ukoll minn ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill tal-Kalkara.

Ix-xogħol ta' dawn il-ħaddiema hu wieħed impenjattiv immens u jagħmlu dawk in-neċċessitajiet li jinqalgħu kuljum bħala xogħol ta' ħadid, bollards, irranġar ta' sinjali tat-traffiku, culverts, etċ.

Ħaddiema oħra li jieħdu ħsieb jirranġaw ċnut u 'Central Strips', xogħol ta' ġebel , żebgħa u qtugh ta haxix hazin madwar il-lokal.

Il-ħaddiema kollha huma 'nvoluti u responsabbli fejn jidħol indafa u manutenzjoni ta' Pjazzez, tisqija ta' xitel u dak kollu li jkun hemm bżonn ta' kuljum.

Dan ix-xogħol kollu jsir għall-ġid u s-sodisfazzjon tar-resident kif ukoll għall-dawk in-nies ta' barra l-lokal li jiffrekwentaw dan il-lokal b'mod speċjali fix-xhur tas-Sajf.

Twaħħlu wkoll fanali ġodda fit-toroq biex isebbħu aktar l-ambjent tal-madwar, bħal per eżempju fi Triq il-Missjoni Taljana biex b'hekk ikun hemm ambjent aktar sabiħ u sikur f'inħawi differenti.

Il-ministeri kollha jagħtu ukoll is-sehem tagħhom f'xi imdaqqiet meta l-Kunsill jiġi f'diffikulta partikolari. Tajjeb li wieħed jirringrazzja bi sħiħ dawn il-ministeri kif ukoll individwi partikolari li jkunu hemm dejjem għal Kunsill Lokali Kalkara biex jgħinuh bi sħiħ.

Ta' minn ifakkar illi l-laqgħa ta' kull xahar tal-Kunsill qed tiġi trasmessa 'live' fejn wieħed jista jidħol 'online' u jsegwi d-diskussjonijiet 'live' ta' xi jkun qiegħed għaddej.

***Attivitajiet / Korsijiet Oħra***

Jagħmel żjarat lill-anzjani tagħna li huma rikoverati, ġewwa djar tal-Anzjani u Sptarijiet

Jorganizza korsijiet bħal Kompjuters, Aerobika, Bizzilla, 'Health and Herbalism', Laqgħat ta' informazzjoni,

Żjarat Kulturali f'pajjiżna

Attivitajiet Sportivi

Attivita' tal-Haloween

Attivita' mtella f'isem Puttinu Cares

Tberik tal-Annimali

Għal din is-sena f'okkażżjoni ta' darba ser isir ukoll 'course' tal-crafts imtella' minn nies professjonali fi ħdan id-direttorat taċ-ċiniżi hawn Malta bil-kollaborazzjoni tal-iskola Primarja tal-istess lokal.

Ġew organizzati serata għall-Anzjani u l-Familja fiż-żmien il-Milied. Saru Kunċerti ta' Jum il-Kalkara mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Każini tal-Baned.

***Librerija Pubblika***

Il-Kunsill Lokali qiegħed jinvesti ħafna fil-Librerija Pubblika. Din tinfetaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, filgħodu mill-10:00am sa 12:00pm u filgħaxija mill-5:00pm sa 7:00pm. Is-Sibt tinfetaħ ukoll mill-10:00am sa 12:00pm. Filgħaxija, l-librerija tinfetaħ minn librar li huwa reġistrat mal-Librerija tal-Furjana u filgħodu tinfetaħ minn persuna li hija mal-kumpanija tal-IPSL u hija sekondata mal-Kunsill. Ir-resident jagħmel użu ħafna minn din il-librerija. Filfatt fis-sena 2017 ħrigna madwar 3,629 ktieb. Fis-sena 2018 fl-ewwel sitt xhur tas-sena jiġifieri minn Jannar sa Ġunju ħriġna madwar 1,390 ktieb. Il-Librerija tagħna hija waħda mill-libreriji li fiha ssib kważi l-kotba kollha ġodda. Kull sena jingħataw lilna madwar €1,200 biex bihom nixtru l-kotba ġodda għal-librerija. Matul il-ġranet tas-Sajf ikollna ukoll studenti fejn jiġu u jagħmlu esperjenza magħna.

Fil-librerija aħna norgannizzaw ukoll taħdidiet edukattivi kull sena fix-xhur ta' April u Mejju u fix-xhur ta' Ottubru u Novembru. L-attendenza dejjem tkun waħda tajba. In-nies għoġbuhom ħafna dawn it-taħdidiet u jitolbuhom huma stess li jerġgħu jsiru. Kif qalu huma b'dawn it-taħdidiet dejjem jitgħallmu xi ħaġa ġdida. Norganizzaw ukoll Story Telling għat-tfal iż-żgħar. Matul il-ġranet tal-Ġimgha Mqaddsa norgannizzaw ukoll tlett ijiem ta' diskussjoni soċjali u spiritwali minn persuna reliġjuza. Għal din id-diskussjoni nagħmlu użu ukoll mill-kotba reliġjuzi li għandna fil-librerija. Fix-xahar ta' Dicembru jkollna 'Jum il-Libreriji'. Għal din l-okkażjoni aħna norganizzaw ġurnata mimlija attivitajiet, kemm għat-tfal kif ukoll għar-residenti tagħna.

L-investiment f'din il-librerija isir ukoll fil-propjeta' tagħha. Il-kera tal-librerija hija waħda privata u l-Kunsill jagħti ammont sostanzjali mill-Budget tal-amministrazzjoni.

**_Berġa tal-Gvern u s-servizz tat-tabib bla ħlas mill-Kunsill._**

Bħala servizz tal-Kura Primarja aħna għandna dik li nsejħulha l-Berġa tal-Gvern. Il-ħinijiet ta' dan is-servizz huma t-Tlieta mill-10:30am sa 12:45pm u l-Ħamis mill-10:00am sal-11:15am. Fis-sena 2015 għamlu użu mill-Berġa madwar 1,515 persuna u fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena 2016 755 persuna. Ma' dan is-servizz il-Kunsill joffri ukoll servizzi oħra b'xejn għar-residenti u li huma mħallsin mill-Kunsill. Kull nhar ta' Erbgħa jkollna servizz ta' Nurse mid-9:00am sa 10:00am fejn din tagħmel l-HGT lir-residenti. Minbarra l-HGT tiċċekkjalhom ukoll il-pressjoni, kif ukoll tqassmilhom kif għandom jieħdu l-mediċina ta' kuljum. Tagħmel ukoll xi 'dressing' lill-persuni li jkollhom bżonn (flok imorru ċ-ċentru tas-saħħa ta' Bormla). Tagħti wkoll inġezzjonijiet bl-ordni tat-tabib. Qedgħin nippjanaw biex fil-futur qarib l-istess nurse tibda żżur lill-anzjani tagħna li ma jistgħux joħorgu, fid-djar tagħhom.

Għandna wkoll is-servizz tal-Podoloġista mogħti lilna mill-Kura Primarja. Is-servizz tal- Podoliġista jingħata darba fix-xahar mit-8:30am sal 12:00pm, imma peress li d-domanda kienet kbira ħafna mir-residenti kien hemm qbil li s-servizz jingħata darbtejn f'xahar f'ċerti ċirkostanzi. Is-servizz tal-Podologista intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti u qed ikollna aktar nies li qedgħin jagħmlu użu minn dan is-servizz. B'hekk lir-residenti tagħna, speċjalment lill-anzjani tagħna, m'għandomx għalfejn imorru fiċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa Bormla għal dan is-servizz, imma aħna bħala Kunsill, qedgħin nipprovduhulom miċ-Ċentru Komunitarju tagħna tal-Kalkara. Filfatt fis-sena 2017 il-Podoloġista rat madwar 534 persuna u fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2018 rat madwar 213.

Servizz ieħor ġdid li bdejna huwa rigward lis-Skema tal-Vowcer ta' min ibgħati mill-kundizzjoni tas-Coeliac (Gluten free). Il-Vowcers kollha jingħataw miċ-Ċentru Komunitarju tagħna.

Fix-xahar ta' Ottubru miċ-Ċentru Komunitarju tagħna madwar 250 persuna jingħataw l-inġezzjoni tal-influwenza.

Għandna l-unur ngħidu li aħna bħala Kunsill Lokali b'dawn is-servizzi kollha, kif ukoll l-użu tal-Librerija naraw madwar 5,000 ruħ fis-sena. Qedgħin nippjanaw aktar servizzi għas-snin li ġejjin, biex ir-residenti tagħna jkunu moqdija aktar mill-komunita'.

***<u>Proġetti Prospettivi mill-Kunsill Lokali Kalkara</u>***

Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu mat-tħejjija tar-Rapport għall-iżvilupp sostenibbli tal-lokalita' tal-Kalkara. Huma ser ikunu qegħdin jaħdmu sabiex iwettqu dak propost f'dan ir-rapport.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem għat-tisbieħ u għaż-żieda fil-postijiet għar-rikreazzjoni tat-tfal kif ukoll għall-adulti matul iż-żmien li ġej. Dan bil-koperazzjoni sħiħa tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura permezz ta' proġetti bħall-Latrina Pubblika fil-Bajja ta' Rinella u tisbieħ tal-istess bajja.

Għas-sena 2019 il-Kunsill ser ikun qiegħed jaħdem għal aktar tisbieħ fit-toroq specjalment issa aktar minn qatt qabel fejn ġie approvat u mgħoddi l-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt mill-budget aktar kmieni din is-sena fejn flimkien mal-Onor Glenn Beddingfield il-Kunsill qed ikun involut bi sħiħ biex tinbeda l-loġistika ta' proġett kbir qatt liema bħalu ġewwa l-Kalkara.

Grazzi kbira tmur għal dawk kollha li xi ftit jew wisq taw is-sehem tagħhom biex ikollna Kalkara aħjar.

Il-Kunsill kburi immens b'kummenti minn nies li joqgħodu barra mill-lokal fejn jaraw id-differenza minn fejn joqgħodu huma għal-lokal tal-Kalkara. Is-sbuħija ta' dan il-post pittoresk huwa ġojjel impekkabli.

Grazzi mill-qalb.